

DEĊIŻJONI Nru 2/2014 TAL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA**tad-9 ta' April 2014****dwar l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-Agricoltura Nru 2/2003 imwaqqaf skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar in-Negożju fi Prodotti Agrikoli tal-21 ta' Ottubru 2003 rigward il-kostituzzjoni tal-gruppi ta' ħidma u l-adozzjoni tal-mandati ta' dawn il-gruppi**

(2014/374/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT GĦALL-AGRIKOLTURA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar in-Negożju fi Prodotti Agrikoli, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar in-Negożju fi Prodotti Agrikoli (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.
- (2) L-Anness 12 tal-Ftehim dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-orìġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel.
- (3) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Anness 12 tal-Ftehim, il-Grupp ta' Ħidma "DPO u IĠP" jassisti l-Kumitat Konġunt għall-Agricoltura (minn hawn 'il quddiem il-"Kumitat" fuq it-talba ta' dan tal-aħħar.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Nru 2/2003 waqqfet il-gruppi ta' ħidma u adottat il-mandati ta' dawn il-gruppi.
- (5) Wara l-adozzjoni tal-Ftehim rigward il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' orìġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel tal-1 ta' Diċembru 2011, flimkien mal-Anness 12 tal-Ftehim, huwa xieraq li d-deċiżjoni tal-Kumitat Nru 2/2003 tiġi mmodifikata, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-bażi tal-Ftehim u l-mandat tal-Grupp ta' Ħidma "DPO u IĠP",

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru 2/2003 tal-Kumitat Konġunt għall-Agricoltura tal-21 ta' Ottubru 2003 rigward il-ħolqien tal-gruppi ta' ħidma u l-adozzjoni tal-mandati ta' dawn il-gruppi li għandhom x'jaqsmu mal-Grupp ta' Ħidma "DPO u IĠP", il-parti Grupp ta' ħidma "DPO/IĠP" jinbidel bi:

"Grupp ta' Ħidma 'DPO u IĠP'*Bażi fil-Ftehim (Anness 12)*

L-Artikolu 15(6) tal-Anness 12 dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-orìġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel

Il-mandat tal-grupp ta' ħidma skont l-Artikolu 15

1. Għandha tiġi eżaminata kull kwistjoni dwar l-Anness 12 u l-implimentazzjoni tiegħu.
2. L-evoluzzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti interni tal-Partijiet fl-oqsma koperti mill-Anness 12 għandhom jiġu eżaminati perjodikament.
3. B'mod partikolari, għandhom jiġu formulati l-proposti għall-preżentazzjoni lill-Kumitat Konġunt bil-għan li l-appendiċijiet għall-Anness 12 jiġu adattati u aġġornati."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

Magħmul f'Berna, id-9 ta' April 2014.

Għall-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura

Il-President u l-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Susana MARAZUELA-AZPIROZ

Il-Kap tad-Delegazzjoni Svizzera

Jacques CHAVAZ

Is-Segretarju tal-Kumitat

Ioannis VIRVILIS
